MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 223/1995/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Marzu, 2003 .**

**Citazzjoni numru : 223/1995G1(PC)**

Lawrence Sciberras, u b'degriet tat-3 ta' Settembru, 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem John Sciberras minflok Lawrence Sciberras li miet fil-mori tal-kawza .

vs

Joseph u Margaret konjugi Sciberras .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur huwa l-proprjetarju ta' porzjoni diviza mir-raba msejjah "Il-Qorti ta' Ras il-Bajjada", fil-kuntrada ta' Ras il-Bajjada, limiti ta' Sannat, Ghawdex tal-kejl ta' cirka sittax-il elf  tmien mija u tlieta u disghin metri kwadri (16,893mk) jew kejl verjuri u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Felice Sciberras, nofsinhar ma' triq; u punent ma' beni fil-pussess ta' Felice Sciberras u ohrajn, minnu akkwistata in forza ta' kuntratt ta' kompravendita tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju elf disa' mija u tnejn u sittin (1962), hawn esebit u markat bhala Dokument "A";

Illi l-konvenuti, li huma fil-pussess tal-istess porzjoni raba qeghdin jippretendu li l-istess art tappartjeni lilhom fi proprjeta' assoluta .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-atturi huma l-proprjetarji assoluta tar-raba hawn fuq deskritt imsejjah "Il-Qorti ta' Ras il-Bajjada", fil-kuntrada ta' Ras il-Bajjada, limiti ta' Sannat, Ghawdex tal-kejl ta' cirka wiehed u ghoxrin elf tlett mija u sebgha u disghin metri kwadri (21,397mk) jew kejl verjuri u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Felice Sciberras, nofsinhar ma' triq; u punent ma beni fil-pussess ta' felice Sciberras u ohrajn, minnhu akkwistat bil-kuntratt hawn fuq imsemmi;
2. Tordna r-rivendika tal-istess art hawn fuq deskritta a favur tal-istess attur.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa  :

1. Illi l-konvenuti qeghdin jeccepixxu ghat-talbiet attrici l-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena stante li l-art

imsemmija bic-citazzjoni giet akkwistata minnhom bis-sahha wara li ppossjedew l-istess art pubblikament u ininterrottament *uti dominus* ghal iktar mit-terminu msemmi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Joseph Sciberras.

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha, l-affidavits prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni li l-art indikatata fic-citazzjoni u prezentament okkupata mill-konvenuti hija tieghu . Ghalhekk talab ukoll ir-rivendika ta' l-istess art a favur tieghu . Kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza : "Giuseppe Buhagiar vs Guzeppi Borg et" (17.11.1958 vol. XLII. Pt. I. p. 569) :

"*Jekk l-oggett tal-kawza hu bicca art li qeghda fil-pussess tal-konvenut, u li l-attur jippretendi li hi tieghu u jrid jehodha minn idejn il-konvenut, l-azzjoni ezercitata mill-attur hi dik rivendikatorja .*

*F'din l-azzjoni l-attur irid jipprova d-dominju, ossija l-propjeta' fih, tal-haga li jrid jirrivendika . Mhux bizzejjed li hu talvolta jipprova li dik il-haga mhix tal-konvenut; imma jehtieg li juri pozittivament li hi tieghu nnifsu, ghax* ***'melior conditio possidentis'*** *. U gie dejjem ritenut mill-Qrati taghna fuq l-istregwa ta' principji ammessi universalment mid-dottrina u mill-gurisprudenza, bazati fuq ligijiet bhal taghna, illi dik il-prova li hi ezatta mir-rivendikant hemm bzonn li tkun kompleta u konkluziva, b'mod li kwalunkwe dubju, anki l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut . U anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah, jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubju."*

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti :

L-attur Lawrence Sciberras (li miet fil-mori tal-kawza u assuma l-atti minfloku n-neputi tieghu John Sciberras) kien xtara territorju ta' madwar erba' u ghoxrin tomna (24 T.) msejjah "il-Qortin ta' Ras il-Bajjada, limiti ta' Sannat, Ghawdex, permezz ta' kuntratt in atti Nutar Giuseppe Cauchi ta' l-24 ta' Lulju 1962 (Dok. A anness mac-citazzjoni a fol. 5 et. seq.) u dana bl-intenzjoni li jkollu fejn jezercita d-delizzju tieghu ta' l-insib . Dakinhar partijiet minn dan it-territorju kienu ghadhom imqabblin ghand diversi bdiewa . Billi huwa kien ghalliem u ma kienx jahdem raba', halla dan it-territorju f'idejn in-neputijiet tieghu, il-kontendenti prezenti f'din il-kawza, sabiex jahdmu huma dawk il-partijiet li ma kienux f'idejn il-bdiewa . Maz-zmien il-bdiewa, wiehed wara l-iehor bdew jerhu l-qbiela u kien jidhol minflokhom il-konvenut . Fil-fatt kull darba li kien jigri hekk, Lawrence Sciberras kien jirregistra lill-konvenut, bhala l-inkwilin ta' dik il-parti li tkun giet rilaxxjata, ma' d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura (Dokti. LS. 2, 3, 4 a fol. 55 – 57) . Ftit ftit dan it-territorju spicca l-bicca 'l kbira f'idejn il-kontendenti prezenti, bil-konvenut Joseph Sciberras jahdem dawk il-partijiet ikkuluriti bl-ahmar fuq il-pjanta "Dok. B" (a fol. 12) u huh John Sciberras jahdem dawk ikkuluriti bl-ikhal . Sadanittant l-attur Lawrence Sciberras zamm diversi mnasab mifruxin fuq it-territorju kollu, li gew enumerati mill-(1) sa (8) fuq l-istess pjanta, u li huwa baqa' jiffrekwenta regolarment biex jipprattika d-delizzju tieghu (ara wkoll ritratti esebiti bhala "Dokti. LS. 8 sa LS 16 li juri lill-attur fejn kull wiehed mil-imnsaba tieghu) . Dan l-arrangament baqa' jsehh ghal diversi snin, sakemm f'xi zmien qabel ma giet istitwita din il-kawza, inqala' disgwid bejn l-attur Lawrence Sciberras u l-konvenut Joseph Sciberras u permezz ta' l-ittra ufficcjali tat-2 ta' Marzu 1995 Lawrence Sciberras talab lil-konvenut johroglu mir-raba minnu okkupata (Dok. LS. 5 a fol. 58) . Dan baqa' inadempjenti u sostna illi dik ir-raba issa kienet saret tieghu . Infatti fl-eccezzjonijiet tieghu ghall-kawza prezenti huwa jikkontendi illi din ir-raba saret tieghu bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena wara li kien

ippossediha "pubblikament, ininterrottament *uti dominus* ghal iktar mit-terminu msemmi."

Prova tad-dominju ta' l-attur Lawrence Sciberras fuq ir-raba in kwistjoni hija ndubbjament ipprovduta mill-kuntratt ta' akkkwist tieghu ta' l-24 ta' Lulju 1962 fuq imsemmi (Dok. A), li r-raba f'idejn il-konvenut tifforma parti minnu . Li jrid jigi ghalhekk deciz minn din il-Qorti huwa jekk dan id-dominju originali tas-sid intilifx a favur tal-konvenut bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena, kif qed jeccepixxi l-istess konvenut **.**

Din il-preskrizzjoni hija regolata bl-artikolu 2107(1) tal-Kap. 16 li jistipula illi :

***"Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi."***

Ghall-kuntrarju tal-preskrizzjoni estintiva li tirrikjedi biss l-inazzjoni tal-keditur ghall-perijodu stipulat mill-ligi (art. 2143 Kap. 16), din il-preskrizzjoni tirrikjedi dejjem il-pussess da parti ta' min ikun qed iqajjem l-eccezzjoni . Kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza: "**Maria Felicia Cremona vs Carmelina Carabott et.**" (23.1.1998 vol. LXXXII. pt. 2. p. 23):

"*Skond l-insenjament tal-Laurant, malgrado l-lokuzzjoni monka ta' l-artikolu 2262 tal-Kodici Franciz, simili ghall-Malti (l-artikolu 2143 tal-Kap. 16), dik id-disposizzjoni ghandha tinftihem bhala komprendenti tant il-preskrizzjoni akkwizittiva kemm l-estintiva; li meta l-preskrizzjoni trigenarja tkun akkwizittiva allura hemm bzonn dejjem il-pussess, sija pure skompanjat minn titolu u minn buona fede; li dik il-preskrizzjoni hi akkwizittiva fil-kaz ta' azzjonijiet reali, fis-sens dawna l-azzjonijiet minnu spjegat u li l-azzjoni tal-proprejtarju biex jiehu lura dak li hu tieghu, ma tistax tigi opposta b'semplici preskrizzjoni estintiva, imma b'dik akkwizittiva, koinvolgenti l-pussess ta' l-eccepjenti, kif jghallem anke l-Baudry*".

Infatti l-**Laurant** (Principii di Diritto Civile vol. 32 #367) jghid f'dan ir-rigward illi :

***"…. Rispetto alle azioni reali, bisogna distinguere. Vi hanno diritti reali che si estinguono col non uso: tali sono le servitu' che vengono meno quando non siano esercitate per trent'anno . Ugualmente accade dell'usufrutto e dell'ipoteca . La proprieta' non si estingue col solo non uso durato trent'anni; occorre altresi che l'immobile sia posseduto da un terzo."***

L-istess il-**Baudry** (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile #592):

***"Non tutti i diritti reali possono estinguersi con la sola inazione del titolare …. il diritto di proprieta' non puo' perdersi col non uso; la sola prescrizione acquisita da un'altra persona puo' indurre la perdita' della proprieta'***.

Din il-gurisprudenza u duttrina, apparti li tenfasizza l-importanza tal-pussess f'kazijiet simili, hija rilevanti wkoll ghal dak li jikkontendi l-konvenut fl-ahhar tan-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, fis-sens li hija applikabbli wkoll il-preskrizzjoni estintiva taht l-artikolu 2143, ghalkemm ma jaghtix eccezzjoni specifika f'dan ir-rigward .

L-ewwel haga li trid tigi ghalhekk determinata minn din il-Qorti hija jekk il-konvenut kellux il-**pussess** kif mifhum mill-ligi biex huwa jkun jista' jakkwista bis-sahha tal-preskrizzjoni . L-artikolu 524 (1) tal-Kap. 16 jispjega illi:

***"Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' haga korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li taghhom tista' tinkiseb il-proprjeta', u li wiehed izomm jew jezercitah bhala tieghu nnifsu."***

Mhux kontestat illi fil-kaz in ezami l-konvenut ghandu f'idejh ir-raba in kwistjoni . Imma l-kontendeti ma jaqblux dwar il-kwalita' ta' din id-detenzjoni . Filwaqt illi l-attur isostni illi din hija b'mera tolleranza tas-sid jew b'titolu ta' qbiela, l-konvenut jikkontendi illi zijuh kien ghaddielu l-

istess raba b'donazzjoni (ghalkemm mhux b'kuntratt) u ghalhekk biz-zmien saret tieghu . It-tip ta' detenzjoni li ghandu il-konvenut taghmel differenza sostanzjoni ghad-determinazzjoni ta' dan il-kaz, ghaliex il-ligi tispecifika illi :

***"Dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghhom ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom: bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom."*** (art. 2118 Kap. 16) .

Lawrence Sciberras spjega fid-deposizzjoni tieghu li ftit wara li kien xtara t-territorju "tal-Qortin ta' Ras il-Bajjada" fl-1962, kien ghadda partijiet minnu lin-neputi tieghu il-konvenut Sciberras li kien ghadu kemm hareg mill-iskola, kien tar-raba u dan ir-raba kien jghodd ghalieh billi kellu l-bhejjem . L-intenzjoni tieghu kienet li jghin lil neputieh, imma mhux li jerhihom minn idejh ghal kollox, tant illi zamm dejjem il-pussess tad-diversi mnasab li kellu mifruxin madwar it-territorju kollu, inkluz fil-partijiet mghoddija lill-konvenut . Huwa jghid illi din ir-raba kien kriha lil-konvenut bhal ma ghamel ma' huh l-iehor, John Sciberras, l-attur prezenti, imma peress illi ma kellux bzonn flus u ried jghinhom qatt ma zammilhom xejn . Sostna wkoll illi meta kien ikun hemm xi hadd li ried jonsob fl-inhawi dejjem kien jitlob permess minghandu .

Infatti din il-verzjoni ta' Lawrence Sciberras tinsab korroborata minn John Sciberras stess, li xehed illi zijuh kien ukoll krielu partijiet ohra mit-territorju Ta' Bajjada ghal tnax il-lira (Lm12) fis-sena (affidavit "Dok. JS. 1 a fol. 53) u minn dak li kien inizzel l-istess Lawrence Sciberras fir-*returns* tat-taxxa tad-dhul tieghu . Mid-diversi kopji ta' dawn ir-returns li gew esebiti, jirrizulta illi l-attur dejjem baqa' jiddikjara l-erba' u ghoxrin tomna 'tal-Qortin " bhala proprjeta' tieghu, u kien jghid ukoll illi parti kienet imqabbla Lm12 fis-sena (allura dik f'idejn John Sciberras) u parti ohra ghal Lm23 fis-sena (Dokti. LSc 10 sa Lsc. 29) . Hemm ukoll it-testment tieghu tat-12 ta' Ottubru 1990 (allura zmien qabel ma nqalghu il-kwistjonijiet mal-konvenut) fejn kien *inter alia* halla b'titolu ta' legat a favur

ta' l-istess Joseph Sciberras parti diviza tal-kejl ta' cirka 19,108 m.k. mill-art tal-Qortin, filwaqt illi l-bqija hallieh lil huh John Sciberras (Dok. LS. 7 a fol. 61 et. seq.) . Ta' l-inqas sa dakinhar, ghalhekk, Lawrence Sciberras zgur li kien iqis it-territorju "tal-Qortin" kollu bhala li kien ghadu jappartjeni lilu .

Dawn il-fatturi kollha jindikaw ghalhekk illi, ghalkemm il-konvenut kellu f'idejh ir-raba in kwistjoni, ma kellux f'idejh il-pussess taghhom fis-sens li trid il-ligi, imma s-semplici detenzjoni f'isem haddiehor . Madankollu anke kieku wiehed kellu ghall-grazzja ta' l-argument jammetti illi l-konvenut tassew kellu l-pussess ta' din ir-raba, sabiex jirnexxi fl-eccezzjoni tieghu huwa jrid jissupera diversi ostakoli ohra . Kif rajna aktar 'l fuq, l-artikolu 2107(1) tal-Kap. 16 jesigi li jkunu jezistu diversi elementi li jikkwalifikaw it-tip ta' pussess li jrid ikollu min ikun qed iressaq din il-preskrizzjoni akkwizittiva :

(i) **pussess kontinwu**: jghid f'dan ir-rigward il-**Laurant**: "*Il possesso dev'essere continuo, nel senso che il possessore deve compiere gli atti normali di godimento che un proprietario, buon padre di famiglia, fa allo scopo di trarre dal fondo tutto l'utile che esso puo' procurargli….. Occorre dunque che, per tutto il tempo necessario alla prescrizione, il possesore abbia fatto atti di possesso che richiamano l'attenzione del proprietario e lo costituiscano in mora d'interrompe la prescrizione che corre contro di lui*" ( op. cit. # 275) . Mhux kontestat illi r-raba kienet u baqghet f'idejn il-konvenut minn meta ghaddielu Lawrence Sciberras, wara li kienet tigi vakata mill-bdiewa precedenti . Minn dakinhar li giet f'idejh beda jikkoltiva u jiehu hsiebha fl-interessi tieghu . Ma rrizultax bil-preciz meta dana gara, imma jekk niehdu r-registrazzjoni mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura bhala indikazzjoni ta' meta dan seta sehh, jidher illi :

(a) rigward erba' titmiem minnhom dawn gew f'idejh fil-bidu ta' Ottubru 1970 (Dok. LS. 2 a fol. 55);

(b) rigward zewg titmiem ohra f'Ottubru tal-1965 (Dok. JS. 3 a fol. 56; f'dik l-okkazjoni zewgt itmiem ohra regghu gew imqabbla lil certu Carmel Mizzi) ; u

(c) rigward disa’ titmiem ohra f’Novembru 1964 (Dok. LS. 4 a fol. 57) .

Tezisti ghalhekk prova illi hdax il-tomna biss mit-territorju tal-Qortin kienu lahqu ghaddew f’idejn il-konvenut aktar minn tletin sena qabel ma giet istitwita l-kawza prezenti fl-4 ta’ Dicembru 1995 (ara citazzjoni) . Imma peress illi kienet saret l-ittra ufficcjali msemmija (Dok. LS. 5) sabiex il-konvenut jizgombra mir-raba in kwistjoni fit-2 ta’ Marzu 1995, ta’ l-inqas fir-rigward taz-zewgt itmiem li l-konvenut ha f’idejh f’Ottubru 1965, il-perijodu trentennali gie interrott, bis-sahha ta’ dik l-ittra . B’hekk jigi illi l-konvenut jista’ jippretendi li tapplika l-preskrizzjoni akkwizittiva fuq mhux aktar minn disa’ (9) titmiem raba, meta l-parti mit-territorju li ghandu f’idejh, kif jirrizulta mir-registrazzjoni fuq imsemmija, tlahhaq madwar hmistax (15) il-tomna, jew precizament 16,893 m.k. li qed jirriklama l-attur fic-citazzjoni tieghu ;

(ii) **mhux miksur**: “*Il possesso e’ interrotto allorche la prescrizione venne interrotta, sia naturalmente, sia civilmente . L’interruzione produce l’effetto di rompere il posseso: quello decorso fino all’interruzione si reputa come non avvenuto e solo potra’ invocarsi il possesso futuro*” ( op. cit. # 278). Gia rajna fil-paragrafu precedenti kif il-preskrizzjoni giet interrotta ta’ l-inqas fir-rigward taz-zewgt itmiem li ghaddew f’idejn il-konvenut f’Ottubru 1965, permezz ta’ l-ittra ufficcjali tat-2 ta’ Marzu 1995 ;

(iii) **pussess pacifiku**: “ La parola pacifico indica un godimento imperturbato . Puo’ esservi turbativa di diritto e turbativa di fatto . La turbativa di diritto suppone un’azione giudizziaria … la turbativa di fatto .. si manifesta con atti differenti . Chi si pretende proprietario… tenta di espellere il possesore” (op. cit. #281) . Fil-kaz in ezami dan ma sehhx, proprju ghaliex sakemm inqala’ l-inkwiet bejn il-kontendenti fl-1995, l-attur Lawrence Sciberras qatt ma mmagina illi l-konvenut kien qed jippretendi li sar is-sid tar-raba minnu okkupata ;

(iv) **pussess pubbliku:** *“….il possesso e’ pubblico tutte le volte che i terzi interessati avrebbero potuto conoscerlo,*

*quantunque in fatto non ne abbiano avuto notizia*" (op. cit. #286) . Imma sakemm ipprova jizgumbrah bl-ittra ufficcjali msemmija, l-attur qatt ma kellu okkazjoni jigi a konoxxenza tal-pretensjoni tal-konvenut . Anzi, kif gia rajna, kull meta xi hadd ried juza xi mansab minn ta l-attur, dejjem talab permess minghandu u mhux minghand il-konvenut . Ghalkemm il-konvenut isostni illi l-attur stess kien javvicinah qabel ma kien jidhol f'xi mansab minn tieghu, l-attur jispjega illi dan kien jaghmlu biex ma jaghmillux hsara fil-wicc .

**(v) pussess mhux ekwivoku:** *"Un possesso e' equivoco quando per sua natura e' cosi' dubbio, da non lasciar comprendere se sia la manifestazione di un diritto spettante al possessore, ovvero un semplice fatto"* (op. cit. # 290) . F'dan ir-rigward naraw illi fil-kaz in ezami l-konvenut qatt ma kellu l-pussess univoku tar-raba in kwistjoni . L-attur dejjem zamm id-dritt li jonsob x'hin u meta ried fuq din ir-raba u kellu diversi mnasab mifruxin fuq partijiet minnha . Kien anke jippermetti nies ohra jonsbu fuq l-istess art . Sinjifikanti wkoll illi lanqas ma' l-entitajiet governattivi, il-konvenut qatt ma ghamel xi att biex juri li dik ir-raba kienet tieghu . Infatti mill-kopji tar-*returns* tieghu li gew esebiti minnu stess (Dokti. SJ. 1 sa SJ. 21) jirrizulta illi dan qatt ma ddikjara illi din ir-raba kienet tieghu . Lanqas ma jidher illi qatt ipprova jinforma lid-Dipartiment tal-Biedja li r-raba ma kienitx imqabbla ghandu, imma proprjeta' tieghu .
F'tali cirkostanzi ghalhekk jirrizulta illi anke jekk kellu jinghad illi l-attur kien fil-pussess tar-raba in kwistjoni u mhux semplici detentur f'isem haddiehor, jibqa' l-fatt illi dan il-pussess ma kellux ir-rekwiziti stipulati mil-ligi sabiex tkun tista' tintlaqa' l-eccezzjoni tieghu li din l-art saret tieghu bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva . Minn naha l-ohra d-dominju ta' l-attur fuq l-art in kwistjoni, gie ppruvat bl-akkwist tat-territorju li r-raba f'idejn il-konvenut tifforma parti minnu, permezz tal-kuntratt esebit ma' c-citazzjoni (Dok. A) u ma ngiebet ebda prova ta' xi trasferiment ta' dan it-territorju jew xi parti minnu sakemm gietipprezentata din il-kawza .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u :

(i) tiddikjara u tiddecidi illi l-attur huwa l-proprjetarju assolut tar-raba “tal-Qortin ta’ ras il-Bajjada” limiti ta’ Sannat, Ghawdex, deskitta ahjar fic-citazzjoni u murija bil-kulur ahmar fuq il-pjanta esebita bhala “Dok. B” ma’ c-citazzjoni, attwalment f’idejn il-konvenuti; u konsegwentement

(ii) tordna r-rivendika ta’ l-istess art a favur ta’ l-attur .

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti .

--------------------------------TMIEM--------------------------------